MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 775/1998/1

**John Camilleri bhala President, Alphonse Abela bhala Segretarju u Emanuel Damato bhala Kaxxier ilkoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku;**
**u b' digriet tal-21 ta' Ottubru 2005 Victor Spiteri bhala President, Emanuel D'Amato bhala Segretarju u Mario Jesmond Farrugia bhala Kaxxier gew awtorizzati jassumu l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku**

**Vs**

**George Falzon**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-16 ta' April 1998 li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi George Falzon huwa registrat bhala sid ta' karrozza tal-linja u hu kien hareg ghall-kumitat ta' l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku (Dok. A huwa l-Istatut ta' dina l-Assocjazzjoni li hi assocjazzjoni ta' sidien tal-karrozzi tal-linja) pero` f' din l-elezzjoni hu ma giex elett. Ghalhekk f' dak il-waqt hu ma kien jokkupa ebda kariga fl-imsemmi kumitat. Il-kumitat elett gdid kien fil-fatt fl-ewwel laqgha tieghu jahtar il-karigi u jassenja l-funzjonijiet lill-membri eletti. Wara dik l-elezzjoni George Falzon ma kellu ebda kariga;

Premess illi fost dawn il-karigi u funzjonijiet li kienu jitqassmu, kienu jigu mqassma wkoll il-karigi ta' Route Managers tad-diversi rotot - lil uhud mill-membri tal-kumitat. Dan kien xoghol li jirrikjedi ftit mill-hin tal-membri tal-kumitat li bhala xoghol kienu kollha sidien tal-karrozzi tal-linja u ghalhekk biex ikunu jistghu jaqdu wkoll il-kariga ta' Route Manager kien ikollhom ghal xi hin inaqqsu mill-hin taghhom fuq il-linja u b' hekk jitilfu certu introjtu jew jinkorru spejjez biex haddiehor isuq il-karrozza tal-linja taghhom waqt li huma jkunu fuq id-distrett jaghmluha ta' Route Manager. Ghalhekk uhud mill-membri tal-kumitat li fost il-kompiti taghhom kellhom dik ta' Route Manager kienu jinghatghu kumpens ta' cirka Lm40.00 fil-gimgha;

Premess illi din il-kariga hija wahda li tinhtieg il-fiducja tal-principal u hija kariga ta' natura kemm amministrattiva kif ukoll u fuq kollox ezekuttiva.

Premess illi ghalhekk skond Art 33 tal-Kap 266 tal-ligijiet ta' Malta anke kieku din il-kariga kellha tigi meqjusa bhala impjieg ukoll it-Tribunal Industrijali ma ghandux setgha skond il-ligi li jordna li l-appellant imkecci jerga' jigi mdahhal lura ghax-xoghol;

Premess illi wara ftit il-kumitat elett kien hass il-htiega li jdahhal membri ohra fil-kumitat u ghalhekk fost l-ohrajn gie co-opted George Falzon. Dan kien jattendi ghal-

laqghat tal-kumitat u eventwalment ukoll inghata kariga ta' Route Manager. Hekk hu wkoll bhala membru tal-kumitat kien qieghed jiehu l-*allowance* ta' cirka Lm40.00 fil-gimgha;

Premess illi hu kkontesta l-elezzjoni ta' wara pero` ma giex elett. L-elezzjoni saret f' Dicembru 1993 pero` hu kien gie imnehhi mill-kariga tieghu sa minn sebat ijiem qabel l-elezzjoni cioe sa mill-5 ta' Dicembru 1993;

Premess illi George Falzon fetah kaz fit-Tribunal Industrijali. U b' decizjoni datata 13 ta' Jannar 1998 Dok A gie deciz illi Falzon "tnehha mill-kariga ngustament u rregolarment." Anke din id-dicitura tindika li t-Tribunal ma kienx qieghed iqis dan bhala impjieg izda bhala kariga tal-kumitat. It-Tribunal Industrijali ordna wkoll li Falzon ghandu jigi ri-integrat fil-kariga ta' Route Manager u li jithallas dak kollu li kien dovut lilu bhala Route Manager mid-data ta' meta gie terminat l-impjieg tieghu sa meta jerga' jigi ri-integrat fl-istess kariga u dan mhux anqas tard minn Jannar 1998;

Premess illi apparti kollox jirrizulta mill-provi li l-imgieba ta' Falzon kienet wahda hazina hafna u din ukoll kienet wahda mir-ragunijiet li minhabba fiha l-istess Falzon kien gie imnehhi mill-kumitat u konsegwentement ukoll minn Route Manager;

Premess illi l-fatt li hu ghalkemm ikkontesta l-elezzjoni ta' l-Asssocjazzjoni tas-Sidien tal-Karrozzi tal-Linja ma telghax awtomatikament kien jeskludieh milli jkompli jokkupa il-kariga ta' Route Manager qabel ma' l-Kumitat il-gdid jiddeciedi jekk riedx izommu hemm. Ghalhekk semmai hu gie li tilef biss hamest ijiem fil-kariga ta' Route Manager;

Premess illi d-decizjoni tat-Tribunal ma tindikax x' inhuma il-kondizzjonijiet li tahthom kellu jigi re-integrat fil-kariga ta' Route Manager;

Premess illi l-aggravju huwa car u manifest u jirrizulta mis-segwenti; il-ligi giet applikata b' mod zbaljat mit-Tribunal

Industrijali fis-sentenza ta’ l-istess Tribunal moghtija fit-13 ta’ Jannar 1998 fil-kwistjoni tax-xoghol bejn George Falzon u Public Transport Association, kaz numru 838; huwa car illi it-Tribunal applika l-ligi hazin u ha zball fil-ligi kif applikata;

Premess illi dan it-Tribunal Industrijali l-anqas biss kellu kompetenza biex jiddeciedi dan il-kaz u dan peress illi ma giex pruvat jew deciz illi George Falzon seta’ jigi meqjus li kien impjegat ta’ l-Assocjazzjoni tas-sidien tal-Karrozzi tal-Linja. Hu kien biss sid li dahal fil-kumitat bhala *co-opted* u inghata l-kariga ta’ Route Manager sakemm kien ser jibqa’ izomm il-posizzjoni tieghu fil-kumitat. Mhuwiex logiku li persuna tkun fl-istess waqt *employer* u *employee*. Hekk jigi jekk l-istess George Falzon jew kull membru iehor tal-kumitat li jokkupa kariga jitqies bhala impjegat ta’ l-Assocjazzjoni. Dan il-punt ta’ ligi jirrendi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali nulla;

Premess illi punt iehor ta’ ligi li jirrendi din id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali nulla huwa il-fatt illi minn imkien ma jirrizulta illi George Falzon kien impjegat ta’ l-Assocjazzjoni. Ma jezisti ebda kuntratt miktub. Din kienet biss kariga li nghatat lil Falzon malli gie *co-opted* fil-kumitat u li taghha kien intitolat ghal *allowance* u mhux paga biex taghmel tajjeb ghal hin li kien iqatta biex bhala membru *co-opted* tal-kumitat jesegwixxi il-kariga ta’ Route Manager; ghalhekk it-Tribunal naqas li jaghraf id-distinzjoni legali bejn haddiem impjegat ma principal u membru ta’ ghaqda li bhala kariga tal-kumitat jinghata dover li tul l-okkupazzjoni ta’ dik il-kariga jezegwixxi doveri u taghhom jinghata kumpens forma ta’ *allowance* ghal hin dedikat minnu;

Premess illi apparti dan jekk wiehed iqis dan bhala impjieg jista’ biss iqisu bhala impjieg ghal perjodu definittiv cioe sakemm il-membru jkun qiehed jokkupa post elett fil-kumitat – it-Tribunal naqas li jaghrbel u/jew jaghraf dan il-punt ta’ ligi cioe li jaghraf id-distinzjoni legali bejn impjieg ghal zmien definit u iehor ghal zmien indefinit; it-Tribunal cioe ma jaghtix kaz li jirrizulta li semmai jekk dan jista’

jitqies bhala impjieg, dan kien impjieg ghal zmien definit – cioe sakemm persuna ddum tokkupa il-post fil-kumitat;

Premess illi apparti dan kollu l-kariga ta’ Route Manager hija kariga amministrattiva u fuq kollox ezekuttiva u ghalhekk anke jekk jigi deciz li George Falzon kien impjegat ta’ l-Assocjazzjoni u li hu gie imkecci u jekk jigi deciz li din it-tkeccija hija ngusta xorta wahda l-ligi permezz ta’ Kapitolu 266 (Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali – Artikolu 33) tippreKludi lit-Tribunal Industrijali milli jordna li l-imsemmija persuna terga’ tiddahhal lura ghax-xoghol. Illi ghalhekk anke f’ dan is-sens id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija kontra l-ligi u fiha zball ta’ ligi;

Premess illi d-decizjoni imsemmija tac-Chairman tat-Tribunal Industrijali u s-sottomissjonijiet maghmula mill-konvenut Falzon huma ghalhekk zbaljati dwar il-ligi li ghandha tapplika u applikaw il-ligi b’ mod hazin;

Premess illi ghalhekk jirrizulta illi t-Tribunal Industrijali fl-*award* fuq indikat ma agixxiex fil-limiti tal-ligi u ma agixxiex fil-limiti tal-ligi li tahtha hu kostitwit;

Premess illi l-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 266) tal-ligijiet ta’ Malta jghid:

“(1) Minkejja kull ma jinsab f’ kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta’ haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b’ mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort’ ohra:

Izda edba haga f’ dan is-subartiklu ma ghandha tinftiehem li tolqot id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta’ Malta dwar ufficjali pubblici jew ma ghandha tolqot it-thaddim ta’ l-Ordinanza dwar il-Haddiem tal-Port (Kapitolu 171) jew ta’ l-Att li Jirregola l-Impjiegi fit-Trasport Pubbliku (Kapitolu 214); u f’ dan l-Artikolu l-espressjoni “haddiem” ma

<u>tinkudix ufficcjali pubblici jew xi persuna li ghaliha japplikaw l-imsemmija ordinanza jew att …”</u>

U premess illi Kapitolu 214 huwa l-Att li jirregola l-Impjiegi fit-Trasport Pubbliku li jistabilixxi Bord ghax-Xoghol fit-Trasport Pubbliku kien appuntu dan il-Bord li kellu kompetenza assoluta u unika fir-rigward tal-kaz in dizamina. B’ hekk anke f’ dan is-sens jidher illi t-Tribunal Industrijali ma agixxiex fil-limiti tal-ligi li tahtha hu kostitwit;

Premess illi la legalment it-Tribunal ma setax jordna li l-konvenut jigi mdahhal lura ghax-xoghol, peress illi s-somma moghtija lil konvenut kienet il-paga dovuta lilu kieku ma tkecciex, anke din is-somma ghandha tigi ridotta u mibdula ghal kumpens xieraq (u mhux paga mitlufa) kif trid il-ligi – u dan billi jigi meqjus iz-zmien li kien ilu jahdem, il-paga li kellu u c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi t-Tribunal Industrijali u cioe ic-Chairman Maurice Bonello fl-*Award* tieghu moghti fit-13 ta’ Jannar 1998 fil-kwisjtoni tax-xoghol bejn George Falzon u Public Transport Association, kaz numru 838 applika l-ligi hazin, ha zball fil-ligi kif applikata u ma agixxiex fil-limiti tal-ligi – b’ hekk li tali decizjoni hija erroneja fil-ligi;

2. Tiddikjara li l-kariga ta’ Route Manager hija kariga amministrattiva u fuq kollox ezekuttiva u ghalhekk il-ligi permezz ta’ l-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali Art 33 (Kapitolu 266) tipprekludi lit-Tribunal Industrijali milli jordna li l-imsemmija persuna terga’ tiddahhal lura ghax-xoghol, u ghalhekk anke f’ dan is-sens id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija kontra l-ligi u fiha zball ta’ ligi u l-istess Tribunal ecceda l-poteri moghtija lilu bil-ligi meta ordna li l-konvenut jigi re-integrat fil-kariga li kellu qabel tkecca;

3. Tiddikjara illi jekk il-kariga ta’ Route Manager tigi meqjusa bhala impjieg dan it-Tribunal seta’ biss iqisu

bhala impjieg ghal perjodu definittiv cioe sakemm il-membru jkun qieghed jokkupa post elett fil-kumitat – u ghalhekk it-Tribunal naqas li japplika l-ligi korretta u applikabbli ghal impjiegi ghal zmien definit; u ghalhekk anke f' dan is-sens id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija kontra l-ligi u fiha zball ta' ligi u l-istess Tribunal ecceda l-poteri moghtija lilu bil-ligi meta ordna li l-konvenut jinghata somma ghal zmien li jeccedi dak li trid il-ligi cioe zmien oltre dak li ghalih gie impjegat;

4. Previa kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja tordna li Award moghti mit-Tribunal Industrijali per Maurice Bonello fit-13 ta' Jannar 1998 fil-kwistjoni tax-xoghol bejn George Falzon u Public Transport Association, kaz numru 838 jigi annullat u mnehhija jew ridotta kull somma moghtija mit-Tribunal lill-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fl-4 ta' Novembru 1998 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

a. Illi t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess atturi fejn l-"*award*" tal-Bord Industrijali hu korrett u ghandu jigi kkonfermat fis-shih;

b. Illi l-esponent kellu impjieg regolari ma' l-assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, paga li tithallas kull hmistax (15), liema "impjieg gie mitmum", minghajr ebda raguni valida u/jew motivazzjoni biex tiggustifika dan l-agir inkorrett.

c. Illi din l-imgieba ta' l-assocjazzjoni kien uniku fil-konfront ta' l-esponent fejn fil-proceduri quddiem il-Bord Industrijali, gew imressqin hafna argumenti u skuzi biex

jippruvaw jiggustifikaw l-agir taghhom liema haga ma kinitx konvincenti;

d. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, filwaqt li l-esponent kien qed jokkupa l-kariga ta' Route Manager, l-esponent ma kienx membru tal-kumitat ta' l-assocjazzjoni u qatt ma gie *co-opted* kif qed jigi suggerit;

e. Illi dawn il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti, gew imressqin semplicement biex jaghmluha iktar difficli ghall-esponent u dan bhalma jafu ben tajjeb il-membri ta' l-assocjazzjoni u dan kif gie informat informalment l-esponent;

f. Illi hi assurda l-argumentagg li l-Bord Industrijali ma kellux kompetenza f' kaz bhal dan meta l-Bord gie mahluq apposta biex jiehu hsieb dawn it-tip ta' problemi;

g. Illi kull referenza ohra fic-citazzjoni ghar-rigward l-impjieg ta' l-esponent u partikolarment referenzi ghas-sezzjonijiet tal-ligi, huma sekondarji ghal-principju principali li wiehed li jkun impjegat regolarment u jithallas ma jistax jigi imkecci bla ebda raguni valida fil-ligi bhalma hu l-kaz odjern. Illi din apparti, ir-referenzi ghas-sezzjonijiet tal-ligi m' humiex applikabbli ghall-kaz odjern u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-30 ta' Marzu 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-atturi *nomine* fis-7 ta' Novembru 2005, kif ukoll dik tal-konvenut intavolata fis-26 ta' Dicembru 2005;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

L-istanza prezenti, istitwita mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, kif rapprezentanta fl-atti, tikkonsisti f' impunjattiva tal-lodo tat-Tribunal Industrijali tat-13 ta' Jannar 1998 fil-kaz (Nru. 838) fl-ismijiet "George Falzon – vs- Public Transport Association". Ghall-fini ta' din l-impunjattiva l-Assocjazzjoni attrici tadduci s-segwenti motivi:-

1. Principalment, u b' mod generali li t-Tribunal applika malament il-ligi u ma agixxiex fil-parametri taghha;

2. B' mod specifiku, li t-Tribunal ma kellux il-kompetenza li jittratta u jiddeciedi l-kaz quddiemu. Fir-rigward tissenjala dawn ir-ragunijiet:-

(a) Il-kariga ta' Route Manager li kellu l-konvenut kienet wahda amministrattiva u ezekuttiva u ghalhekk anke kieku jigi deciz li dan kien impjegat, minhabba dik ir-raguni t-Tribunal kien, ex-Artikolu 33 tal-Kapitolu 266, prekluz milli jordna r-ri-inseriment tieghu fil-kariga li kellu;

(b) Similment, anke kieku si tratta ta' impjieg dan, se mai, kien wiehed ghall-perijodu definittiv, u allura dan il-fatt kien jezorbita mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal;

(c) F' kull kaz, il-kompetenza biex tigi ezaminata l-kwestjoni kienet tirrientra fl-attribuzzjoni li l-ligi, bil-Kapitolu 214, tirrizerva lil Bord ghax-Xoghol fit-Trasport Pubbliku;

Fermi dawn l-aggravji fil-kontestazzjoni tal-lodo tat-Tribunal, m' hemmx dubbju illi l-punti involuti jridu jigu rigwardati mill-perspettiva tal-ligi specjali li kienet fis-sehh fil-mument li nsorgiet il-kwestjoni. Dan ghaliex, kif saput, "*gli effetti dell' obbligazione si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*" (**Kollez. Vol. XX P I p 68**). F' dan il-kaz, l-"Att dwar Relazzjonijiet Industrijali" (Kapitolu 266), kif kien qabel ir-revoka tieghu bl-Att XXII ta' l-2002, u skond il-pubblikazzjoni ta' l-Avviz Legali 425 ta' l-2002 li stabbilixxa d-dhul in vigore tad-disposizzjonijiet rilevanti li kien baqa' ta' l-Att gdid intitolat "Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali" (Kapitolu 452);

Mill-atti quddiem it-Tribunal, kif anke rilevat fl-istess lodo tieghu, it-Tribunal gie hemm invitat mill-konvenut biex jinvestiga u jiddeciedi l-lanjanza tieghu, fis-sens li hu safa ingustament mnehhi mill-kariga li kien jokkupa ta' Route Manager fuq ir-rotta partikolari. Tali investigazzjoni kienet regolata bl-Artikolu 28 tal-Kapitolu 266. Disposizzjoni din li "minkejja kull ma jinsab f' kull ligi ohra" taffida l-gurisdizzjoni <u>esklussiva</u> lit-Tribunal li jikkonsidra u jiddeciedi f' dawk il-kazijiet fejn tkun allegata <u>tkeccija ngusta</u> ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi. L-espressjoni "tkeccija ngusta" hi definita bl-Artikolu 2 ta' l-Att, fil-kaz ta' haddiem, bhala t-temm mill-principal ta' kuntratt ta' mpjieg <u>ghal zmien mhux stabbilit</u>. Li jfisser allura illi jekk iz-zmien ta' mpjieg ikun wiehed definit il-kaz, fuq dik il-bazi ta' licenzjament ingust, ikun jesorbita mill-isfera ta' gursidizzjoni tat-Tribunal specjali u jsir wiehed rizervat lill-qorti ordinarja. Ara, a propozitu, **"Alfred Pandolfino –vs- Carmelo Farrugia *nomine***", Qorti tal-Kummerc per il-kompjant Imhallef George Schembri, 5 ta' Ottubru 1978;

Jigi osservat illi l-precitat Artikolu 28 jipprovdi wkoll ghal certi limitazzjonijiet. Apparti l-proviso ta' indoli transitorju ghall-kazijiet li kienu pendenti quddiem il-qrati fil-mument ta' dhul *in essere* ta' l-Att fl-1976, permezz ta' proviso iehor il-ligi hasbet illi l-konferiment tas-setghat affidati lit-

Tribunal fil-kontingenza tat-tkeccija ngusta ma kellhomx jolqtu d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar ufficcjali pubblici jew it-thaddim ta' l-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port (Kapitolu 171) jew ta' l-Att li Jirregola l-Impjiegi fit-Trasport Pubbliku (Kapitolu 214) fir-rigward tal-haddiema taghhom;

Dan premess, il-ligi kif kienet fiz-zmien utli ma kienetx tahseb, kif hekk bil-kontra jaghmel l-Att gdid odjern [Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452), anke jekk fuq punt ta' ligi biss, ghad-dritt ta' appell mid-decizjoni tat-Tribunal. L-unika possibilita` ghall-parti sokkombenti li thossha hekk aggravata bid-decizjoni kien dak li tressaq l-ilmenti taghha quddiem il-qorti ordinarja, billi din, skond gurisprudenza pacifika, kellha l-poter residwali li tissindika l-operat tat-Tribunal. L-ezercizzju ta' dan is-sindikar hu pero` wiehed limitat ghall-istharrig ta' xi element tassew gravi. Ad ezempju, ghall-kaz fejn it-Tribunal ikun mar *ultra vires* l-funzjonijiet u poteri lilu moghtija, jew ghall-ksur tal-principju ta' gustizzja naturali, jew fejn id-decizjoni tkun kontra xi ligi miktuba. Ara b' ezemplari fuq din it-tema sentenza ta' din il-Qorti, kif presjeduta, in re "**Universita` ta' Malta –vs- Carmen Hili**", 2 ta' Ottubru 2003 u d-decizjonijiet fiha riferenzjati. Jezisti qbil konkordi illi f' kull kaz il-qorti ordinarja ma ghandha ebda gurisdizzjoni li tirriezamina jew tirrevedi l-meritu tal-kontroversja li tkun giet deciza mit-Tribunal. Ara "**Avv. Dottor Vincent Falzon *nomine* –vs- Isabelle Grima**", Appell Civili, 17 ta' Mejju 1993;

Jitnissel minn dan kollu illi gjaladarba l-ligi akkordat gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali f' materja ta' licenzjament ingust ta' haddiem, il-qorti ordinarja trid toqghod ferm attenta li zzomm ruhha strettament fil-parametri tal-poteri residwali ghas-sitwazzjonijiet fuq imfissra, b' mod li ma tingeriex fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tat-Tribunal ta' l-elementi ta' fatt jew li tissindika l-interpretazzjonijiet legali illi dan ikun ghamel. Ara "**Michael Mallia *nomine* –vs- Carmel Debono *et***", Appell, 13 ta' Frar 1997;

Maghdud dan, fil-kaz taht konsiderazzjoni l-Assocjazzjoni attrici tippretendi li l-impunjattiva minnha ventilata ghandha tigi akkolta in bazi ghall-kontenzjoni illi fl-ewwel lok il-kariga ta' Route Manager affidata lill-konvenut ma kienetx impjieg. Fir-rigward hi tressaq bosta xhieda biex jillustraw il-mansjoni ta' Route Manager. Dan fis-sens illi ghall-hatra bhal din il-persuna koncernata trid tkun membru tal-Kumitat direzzjonali (ara Affidavit ta' John Camilleri, fol. 65 u xhieda ta' Michael Cutajar, fol. 185) meqjusa bhala "holqa bejn l-Assocjazzjoni u n-nies li qed jahdmu fuq tal-linja" (deposizzjoni ta' Alphonse Abela, fol. 69), "self-employed" (kontro-ezami ta' John Camilleri, fol. 151). Fit-tieni lok, l-Assocjazzjoni attrici tressaq bi proposizzjoni illi anke kieku kellu jitqies bhala impjieg, dan kien wiehed ghal zmien limitat ta' sentejn waqt li r-Route Manager ikun qed jokkupa post fil-Kumitat (ara xhieda ta' Victor Spiteri, fol. 72). *Ergo*, tikkontendi, it-Tribunal ma kellux, in bazi ghal dawn il-provi, l-attribuzzjoni li jokkupa ruhu mill-kaz u, wisq anqas, il-kompetenza li jiddeciedih;

Bir-rispett kollu, din il-Qorti, wara li rriflettiet hafna, ma thossx li tista' tikkondividi dan l-assunt ta' l-Assocjazzjoni attrici fuq dan il-punt. Dan ghar-raguni semplici illi d-determinazzjoni tax-xorta ta' rapport guridiku bejn l-Assocjazzjoni u l-konvenut kienet haga li kienet ghal kollox tikkompeti lit-Tribunal specjali u din il-Qorti ma tistax tidhol biex tezamina l-interpretazzjoni li t-Tribunal akkorda lill-fatti prezentati lilu u l-apprezzament taghhom fl-ambitu ta' l-Istatut ta' l-Assocjazzjoni, kif hekk inhu ben evidenti mill-parti razzjonali tas-sentenza tat-Tribunal. Infatti din hi konsegwita fis-sens illi fuq l-ezami tal-klawsoli rilevanti ta' l-Istatut imkien ma jinghad illi biex persuna tkun Route Manager din trid ukoll tkun membru tal-Kumitat u, dippju, skond il-fax datat 20 ta' Dicembru 2003 mibghut mill-Assocjazzjoni lill-konvenut hi stess kienet qed tqis dik il-kariga bhala impjieg. Barra minn hekk jigi osservat ukoll illi ma jirrizultax illi quddiem it-Tribunal l-Assocjazzjoni qatt ivvantat permezz ta' xi eccezzjoni, anke subordinata, illi l-impjieg tal-konvenut kien wiehed

ghal zmien determinat biex b' hekk seta' jinghad li, in kwantu tali, dan ma kienx jikkwalifika ghat-termini ta' "tkeccija ngusta" kif definita bl-Att, f' liema kaz it-Tribunal kien ikun hekk inkompetenti li jitrattah. Jidher invece li d-difiza ewlenija ta' l-Assocjazzjoni kienet arginata fuq il-konsiderazzjoni li l-konvenut ma kienx impjegat taghha. Materja din li, tajjeb jew hazin, giet deliberata u deciza mit-Tribunal fis-sens li si trattava minn impjieg. Gjaladarba, dik id-decizjoni fuq dak il-punt tibqa' kwestjoni ta' fatt din mhix soggetta ghall-impunjattiva u sindakabilita` minn din il-Qorti fuq dik il-bazi. Ir-raguni hi li l-qorti ordinarja ma ghandhiex dritt tirriezamina jew tirrevedi l-meritu tal-kontroversja li giet deciza mit-Tribunal. Dan hu hekk anke skond l-enuncjazzjoni tal-Qrati Inglizi. Insibu fil-**Cavendish lawcards series fuq l-Employment Law** (3rd Edition, 2002 pagna 5) illi "*whether a contract is a contract of employment or a contract for services has now been clearly stated to be a question of fact, unless the sole issue is the construction of documents. As such, it is a matter for the employment tribunal, as long as it directs itself properly as to the legal tests to be applied (see "**Mc Leod –vs- Hellyer Bros Ltd**" (1987); "**Lee –vs- Chung and Shun Sing Construction & Engineering Co Ltd**" (1990); cf "**Davies –vs- Presbyterian Church of Wales**" (1986)*";

Dan affermat, ma jfisserx, imbaghad, illi s-sentenza tat-Tribunal adit ma tattirax is-sindikar ta' din il-Qorti minn ottika u kunsiderazzjoni ta' aspett iehor involut. Una volta li t-Tribunal iddetermina li fil-kaz tal-konvenut fuq il-fatti attendibbli u d-disposizzjonijiet statutorji ta' l-Assocjazzjoni, kien jikkonsisti minn impjieg, u li dan l-impjieg, b' inferenza logika ma kienx ukoll wiehed stabbilit, huwa kellu jara jekk l-ligi kienetx tippermettilu, ghal kaz ta' hadddiema fit-trasport pubbliku, li jokkupa ruhu minn allegazzjoni ta' tkeccija ngusta minn haddiem bhal dan. Dan qed jigi rilevat in kwantu l-Assocjazzjoni attrici tirritjeni li ghal kaz in ispecje kellhom japplikaw il-provvedimenti tal-Kapitolu 124 dwar l-Att li Jirregola l-Impjiegi fit-Trasport Pubbliku, u dan l-Att kien jesorbita mill-isfera ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Jekk tabilhaqq

applikabbli, dan hu bil-wisq logiku in kwantu l-Kapitolu imsemmi jahseb bi procediment appozitu [Artikolu 6(1)] ghall-kaz ta’ temm ta’ impjieg li jkun sar ghal zmien bla limitu u jirrizerva l-ezami tieghu ghall-gurisdizzjoni tal-Bord imwaqqaf appozitament taht dak l-Att;

Anke hawn pero` din il-Qorti trid toqghod ferm attenta li bl-iskuza ta’ l-applikabilita` tal-precitat Kapitolu 124 ma taqax fi tranell u ma tinkorrix fl-izball fatali li tqis lill-konvenut bhal “impjegat fit-trasport pubbliku”, kif definit taht din il-ligi.  Sa fejn jirrizultalha mit-termini tad-decizjoni tat-Tribunal, il-konvenut huwa impjegat ta’ l-Assocjazzjoni privata tal-Bus Owners bi statut regolatur specjali u l-Kapitolu imsemmi ma jidherx li jikkolpixxi lil din l–Assocjazzjoni jew l-impjegati taghha.  F’ kull kaz fil-kariga lilu assenjata ta’ Route Manager il-konvenut ma huwiex “persuna mpjegata fil-garr ta’ passiggieri bl-omnibus bil-muturi licenzjati li jahdmu ghall-kiri fuq linji tas-servizz pubbliku”.  Lanqas ma huwa “spettur, xufier, kunduttur, bejjiegh tal-biljetti u mpjegat fit-*ticket booth* hekk impjegati” (Artikolu 2 tal-Kapitolu 214).  Fic-cirkustanzi din il-Qorti difficilment tista’ taccetta illi l-Kapitolu imsemmi kien jiccentra jew japplika fil-kaz partikulari tal-konvenut. Konsegwentement, it-Tribunal ma jistax, ghal din ir-raguni, jigi censurat li injora id-dispost tal-proviso ta’ l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 266;

Fl-ahharnett, u bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tarax kif il-kariga tal-konvenut tista’ tigi kwalifikata bhala “kariga amministrattiva u ezekuttiva li tehtieg fiducja specjali fil-persuna tad-detentur ta’ dik il-kariga jew fil-hila tieghu li jaqdi d-dmirijiet taghha” li jsemmi l-proviso ta’ l-Artikolu 33 tal-Kapitolu 266.  Ibda biex il-mansjoni tieghu kif deskritta mix-xhud Alphonse Abela, - dik, jigifieri, li josserva n-nuqqasijiet li jkun hemm fix-xoghlijiet u li jiehu hsieb li jzid jew inaqqas ir-rotot u jaghmel suggerimenti biex titjieb ir-rotta” (fol. 69) – ma tinvolvix *ut sic* xoghol amministrattiv u wisq anqas ezekuttiv.  Jidher anzi li l-operat tieghu hu suggett ghall-iskrutinju tal-Kumitat.  Huwa veru li x-xoghol tieghu igorr mieghu responsabilitajiet u decizjonijiet izda

skond in-necessitajiet tal-hajja lavorativa dan ighodd ugwalment ghal kull xorta u kategorija ta' impjegat, kompriz dak ta' gudikant li jrid jaghmel id-decizjonijiet tieghu. Hekk ukoll rapport ta' impjieg, anke dak ta' Route Manager, hu, b' necessita` prattika, u wkoll guridika, wiehed bazat fuq il-fiducja izda mhux necessarjament u bilfors wahda ta' indoli specjali li jippreciza l-proviso surreferit, bhal, per ezempju, l-impjieg ta' seftura jew ta' kaxxier jew ta' dirigent f' posizzjoni gholja fl-azjenda jew korp. Dan kollu jgib li l-ilment ta' l-Assocjazzjoni attrici fuq dan il-punt ma jeradikax il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tissindika l-konkluzjoni tat-Tribunal relattiv ghar-ri-integranda tal-konvenut fil-kariga li kellu;

F' dawn ic-cirkustanzi l-azzjoni, kif impustata, ma tistax tigi sostenuta. Ma ssibx li t-Tribunal injora l-limiti tal-kompetenza tieghu jew li dan ghamel interpretazzjoni erronea u applikazzjoni hazina tal-ligi fil-fattispeci tal-kaz li kellu quddiemu. Dan fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kwestjoni involuta kif prezentata lilu u tad-difiza ghaliha.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u b' hekk tichad it-talbiet kollha ta' l-Assocjazzjoni attrici bl-ispejjez gudizzjarji jitbatew minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------